

Brussell, 11 ta' Lulju 2022
(OR. en)

11192/22

Fajl Interistituzzjonali:
2022/0204(COD)

CODEC 1116
TRANS 489
RELEX 987

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Abbozz ta' REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jstabbilixxi miżuri speċifiċi u temporanji, fid-dawl tal-invażjoni Russa fl-Ukrajna, fir-rigward tad-dokumenti tas-sewwieqa maħruġa mill-Ukrajna f'konformità mal-leġiżlazzjoni tagħha (I-ewwel qari) - Adozzjoni tal-att leġiżlattiv - Deċiżjoni li ssir deroga mill-perjodu ta' tmien ġimgħat previst fl-Artikolu 4 tal-Protokoll 1 dwar ir-rwol tal-parlamenti nazzjonali fl-UE

1. Fil-21 ta' Ġunju 2022, il-Kummissjoni bagħtet lill-Kunsill il-proposta tagħha¹, ibbażata fuq l-Artikolu 91 TFUE.
2. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ġie kkonsultat.
3. Il-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni ġie kkonsultat u ddeċieda li ma jagħtix opinjoni.
4. Fis-7 ta' Lulju 2022, il-Parlament Ewropew adotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari dwar il-proposta tal-Kummissjoni. Ir-risultat tal-vot tal-Parlament Ewropew jirrifletti l-qbil milħuq bejn l-istituzzjonijiet u għaldaqstant għandu jkun aċċettabbli għall-Kunsill².

¹ 10429/22.

² 11181/22.

5. Għaldaqstant, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden jikkonferma l-qbil tiegħu u jissuġġerixxi li l-Kunsill:
- japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew bħala punt "A" tal-aġenda ta' laqgħa li jmiss, kif tidher fid-dokument PE-CONS 45/22;
 - jidderoga, abbażi tal-Artikolu 3(3), it-tieni subparagrafu, tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill, mill-perjodu ta' tmien ġimgħat imsemmi fl-ewwel subparagrafu ta' dak l-Artikolu, fid-dawl tal-urġenza tal-kwistjoni, kif tinsab fil-preambolu tal-att leġiżlattiv.
6. Jekk il-Kunsill japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, l-att leġiżlattiv jiġi adottat bil-formulazzjoni li tikkorrispondi għall-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew.

Wara l-iffirmar mill-Presidenti tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, l-att leġiżlattiv jiġi ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.
